TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 71/17/F

**Ryan Mifsud**

**vs**

**GO P.l.c.**

Illum 21 ta' Novembru, 2017

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-18 t'April, 2017 fejn ir-rikorrenti talab danni ta' tlett mitt ewro (€300), rappreżentanti prezz ta' mobile phone li ġralu l-ħsara.

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' ntimata li huwa rappreżentant tas-soċjeta' ntimta, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta illi huwa ngħata mobile phone u wara ħdax-il xahar dan il-mobile phone spiċċa bil-ħsara. Wara ftit biddlulu dan il-mobile phone għal wieħed ġdid u reġa' bil-ħsara.

Is-soċjeta' ntimata ssottomettiet illi sewwiet dan il-mobile phone u r-rikorrenti ma ridux.

It-Tribunal, iħoss illi mhijiex normali li għandek daqshekk problemi bil-mobile phone, u li wara li jitbiddel u mbagħad tingħata ieħor ġdid u mbagħad jerġa' jsirlek il-ħsara u allura wara riparazzjonijiet eċċessivi jista' jagħti l-każ li jerġa' jkollhom xi problemi simili.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas lir-rikorrenti s-somma ta' mitejn ewro (€200), u bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' ntimata, u b'dan illi l-mobile phone jiġi propjeta' tas-soċjeta'ntimata wara li jsir il-ħlas.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**